MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 705/2007

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Salvatore Abdilla u Patricia Abdilla**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li biha is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Fit-8 ta` Gunju, 2004 giet liberata a favur tar-rikorrenti, is-segwenti proprjeta` u cioe`:

Il-porzjon diviz tal-art mhix fabbrikabbli u indikata bhal Plot B u C fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Hayman tas-sitta u ghoxrin ta` Awissu, tas-sena elf, disa` mija u tmienja u disghin (26.08.1998) – u li kopja taghha tinsab hawn annessa bhala dokument A –

accessibbli l-istess art minn drive-in f`Tal-Gebel Road Hal-Far limiti ta` Birzebbuga u ghandha il-kejl superficjali ta` circa tlieta punt tmienja tomniet (3.8T) ekwivalenti ghal erbat elef, mitejn u wiehed u sebghin punt tnejn metri kwadri (4271.2m.k.) li minnhom elf, tmien mija u erba u tletin punt erba` hamsa metri kwadri (1834.45m.k.) jirraprezentaw art mibjugha minn Choppers Company lImited kif indikata bl-ahdar fil-pjanta imsemmija annessa mal-att relattiv, fil-waqt li r-rimanenti kejl ta` elfejn, erba` mija u sitta u tletin punt seba` hamsa metri kwadri (2436.75 m.k.) jirrapprezentaw l-art mibjugha mill-konjugi Vella kif bordurata bil-kulur ahmar fuq l-istess pjanta, liema art tikkonfina minn Nofs in-Nhar ma` beni tal-kumpanija Xmur Company Limited jew l-aventi kawza taghha u mit-Tramuntana ma` beni tal-patrijiet tal-kunvent ta` Santa Tereza ta` Bormla, irjieh ohra mhux maghrufa libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha liema art hija kollha indikata ahjar fuq l-istess imsemmija pjanta u liema art giet akkwistata kif fuq indikat b`kuntratt fl-atti tan-Nutar John Hayman datat is-sitta u ghoxrin ta` Awissu, tas-sena elf, disa` mija u tmienja u disghin (26.08.1998) u dana bil-prezz ta` hamest elef lira Maltin (Lm5,000) *animo compensandi* kif jirrizulta mill-anness dokument B;

2. Dan il-fond kien jappartjeni lill-intimati konjugi Abdilla u kienu u ghadhom okkupati u detenuti mill-istess konjugi Abdilla fuq indikati u dana abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Is-socjeta` rikorrenti tixtieq tizgombra lill-intimati mill-proprjeta` in kwistjoni u ghalkemm l-istess intimati gew interpellati sabiex jaghmlu dan huma baqghu inadempjenti.

4. Jezistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta` Malta ghal ezenzjoni mis-smiegh billi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet xi jgibu kontra dina t-talba ta` zgumbrament u dana kif jirrizulta wkoll mill-anness affidavit dokument C.

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati qeghdin jokkupaw u jiddetjenu il-proprjeta` fuq imsemmija accessibbli minn Tal-Gebel Road, Hal Far limiti ta` Birzebbuga abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna, ghalhekk, l-izgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta` u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimati li minn issa jibqghu mharrka ghas-subizzjoni u salv kull azzjoni ohra inkluza dik ghad-danni spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti Salvatore Abdilla u Patricia Abdilla debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjhin tlett darbiet lanqas ma` dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tiffissa terminu ta` xahar ghall-imsemmi zgumbrament, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------